Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR SARAH MAGRI) V. GILBERT BUSUTTIL (K.I. NRU. 586785M)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' Mejju 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Gilbert Busuttil, iben Anthony u Josephine nee' Mizzi, imwieled fit-23/11/1985 u joqgħod il-Belt Valletta, bil-karta tal-identità numru 586785M ("l-imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Sarah Magri
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. George Anton Buttigieg

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat bis-segwenti akkużi:

    1. talli fl-24 ta' Mejju 2016 għall-ħabta ta' 14.45 hrs fi Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara, filwaqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBM 937, saq b'manjiera traskurata (Kap. 65, Art. 15(1)(a), (3)), u

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq b'manjiera bla kont (Kap. 65, Art. 15(1)(a), (2)), u

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas li jżomm fuq in-naħa tax-xellug tat-triq jew naqas li jeżerċita l-kura u attenzjoni xierqa u jagħmel sinjal meta kien ser ibiddel id-direzzjoni tiegħu (L.S. 65.11, Art. 75), u

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jipproduċi l-liċenzja tiegħu lill-Pulizija u/jew lill-Awtorità fi żmien jumejn meta ġie hekk mitlub (L.S. 65.18, Art. 77), u

5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi meta kien involut f'inċident tat-traffiku naqas milli jieqaf (L.S. 65.11, Art. 67(1)), u

6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi meta kien hekk meħtieġ naqas li jagħti l-partikolaritajiet tiegħu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-liġi u/jew naqas li jirrapporta l-imsemmi inċident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali (L.S. 65.11, Art. 67(1)), u

7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku kkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa għad-dannu ta' Miroslav Stauder (Kap. 9, Art. 328(d)), u

8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja jew hedded lil Miroslav Stauder jew jekk kien ipprovokat, inġurjah b'mod li ħareġ 'l barra mill-limiti ta' provokazzjoni (Kap. 9, Art. 339(1)(e))

2. Il-Prosekuzzjoni talbet li l-ħati jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

**Provi**

3. Bħala parti mill-provi esebiti mill-Prosekuzzjoni xehed bil-mezz tal-affidavit **PS 609 James Magro** li spjega kif fl-24 ta' Mejju 2016 għall-ħabta ta' 14.50 hrs waqt li kien xogħol ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara rrapporta ċertu Miroslav Stauder (bil-karta tal-identita numru 22191A) li qallu li kien għadu kemm kważi laqtu persuna waqt li kien qed isuq il-mutur. Stauder stqarr kif ġej mal-istess surġent: *"I was driving Fleur De Lys street. There was a queue of cars and he went to jump all the other vehicles that were in the queue. He nearly ran me over on this time, then I bypassed the cars*

*and I stopped next to him, he was on the phone so I waved at him, then he reacted, he grabbed the steering and turned onto me. I dropped the bike and that is when the mirror broke off. Then he moved forward and I picked up the bike and moved behind him, then I tried to fix the mirror, then he reversed onto me and crashed the front of my bike. Then he left the site and went and turned into the side road"*. Stauder informa lix-xhud li l-vettura kienet tal-għamla *Toyota Starlet* u li n-numru ta' reġistrazzjoni tagħha kien GBC5841. Mir-rapport tal-okkorrenza esebit fol 4-9 tal-proċess jirriżulta illi filfatt in-numru ta' reġistrazzjoni kien GBC 581 u mhux GBC 5841 kif ġie erronjament indikat bi żvista fl-affidavit tax-xhud. Il-mutur li kien qed isuq Stauder (bin-numru ta' reġistrazzjoni ABV595) tal-għamla "Sachs" ġarrab xi ħsarat.

4. L-istess xhud kompla jispjega illi mill-investigazzjonijiet irriżulta illi l-vettura hija proprjetà ta' Concetta Micallef u li kienet qed tinstaq mill-imputat Gilbert Busuttil. Dan tal-aħħar irrikorra l-Għassa u wara li ġie mogħti d-drittijiet, ittieħdet il-verżjoni tiegħu. L-imputat stqarr hekk: "*Jiena qbiżt il-karozzi fejn 71, ġewwa Triq Fleur De Lys. Kif qbiżthom ma' kontx xegħlet l-indicator, dħalt fuq in-naħa tiegħi t-tajba, waqt li miexi wara t-traffiku ġie dan tal-mutur u beda jtini mal-ħġieġa. Jien bdejt nieżel bil-mod wara t-traffic, daħal warajja u żammejtlu l-brejk sabiex ninżel ħa nara għalfejn beda jagħti mal-ħġieġa. Kif żammejt il-brejk daħal ġo fija u soqt 'l hemm*". Ix-xhud PS 609 Magro għalaq l-affidavit tiegħu billi qal illi l-imputat kellu jipproduċi l-liċenzja tas-sewqan valida imma dan naqas milli jipproduċiha fl-Għassa ta' Birkirkara.

5. Fl-1 ta' April 2019 xehed **<u>Miroslav Stauder</u>** u dan qal illi dakinhar tal-inċident filwaqt li kien sejjer lura mix-xogħol huwa għadda minn Triq Fleur De Lys, Birkirkara, u kien hemm serbut ta' karozzi. Huwa kien bil-mutur u għalhekk qabeż il-karozzi mill-*lane* tagħhom fuq barra tal-istess *lane*. F'daqqa u l-ħin ġiet vettura bajda tal-għamla Toyota Starlet li bdiet taqla l-vetturi billi taqbeż fuq il-*lane* ta' barra. Huwa kellu jieħu brejk evasiv sabiex ma' jibqax dieħel fuq din il-vettura li imbagħad reġgħet daħlet lura fil-*queue* ossia' fil-*lane* fejn kien hemm it-traffiku. Stauder waqaf biswit il-vettura u prova jiġbed sinjal lix-xufier. Jidher li dan tal-aħħar imbagħad prova isuq għal fuq Stauder u dan niżel mill-mutur li sadanittant waqa' mal-art u nkisritlu l-mera. Ix-xhud qal ukoll illi l-imputat reġa prova jirriversja lura fuqu. **Ix-xhud ma' setax jagħraf lix-xufier fl-awla u lanqas ma' seta jiftakar in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura l-oħra**.

6. L-imputat ma' ressaq l-ebda xhieda u għażel li ma' jgħid xejn għajr għall-kontestazzjoni tal-ħtija, kif kellu kull dritt li jagħmel skond il-liġi. Għalhekk l-unika verżjoni tiegħu li għandha l-Qorti hija dik li qal fl-istqarrija lill-Pulizija.

**Kunsiderazzjonijiet dwar ħtija**

7. Fit-trattazzjoni finali tal-każ l-abbli difensur tal-imputat argumenta illi ġaladarba l-*parte civile* ma' setax jagħraf lill-imputat fl-awla bħala s-sewwieq u lanqas ma' seta' jiftakar in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura, dan ifisser li l-imputat ma' tpoġġix fix-xena tal-allegat reat u għalhekk tonqos il-prova li dan kien qiegħed isuq. Il-Qorti kienet tasal taqbel ma' dan l-argument li kieku mhux għall-istqarrija tal-imputat stess. Kif ġa ngħad dan ta l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija fejn għalkemm ma' qabilx mal-verżjoni tal-*parte civile* fl-istess ħin poġġa lilu nnifsu fix-xena tar-reat b'dak li qal.

8. Il-Qorti tqis ukoll illi b'dak li stqarr mal-Pulizija l-imputat xi ftit jew wisq ammetta l-ewwel (sewqan traskurat), it-tielet (nuqqas milli jixgħel l-*indicator* biex jindika li ser jaqleb il-*lane*) u l-ħames imputazzjoni (nuqqas milli jieqaf wara li kien involut f'inċident). **Madanakollu l-Qorti hija marbuta strettament mal-imputazzjonijiet li jkunu ġew ippreżentati mill-Prosekuzzjoni** u fir-rigward ta' dawk li huma marbuta mas-sewqan,  dawn huma bbażati fuq il-premessa li l-imputat kien qiegħed isuq ***"vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBM 937"***. Dan in-numru qatt ma' ssemma fil-kors tal-kawża u huwa differenti min-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura li kien qiegħed isuq l-imputat, ossia' GBC 581. Fl-ebda stadju ma' ntalbet xi korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni tal-komparixxi u għalhekk il-Qorti tqis li dan in-nuqqas huwa serju biżżejjed illi jimmerita l-liberatorja fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha apparti r-raba' waħda.

9. Ir-raba' imputazzjoni hija dik illi l-imputat naqas milli jipproduċi l-liċenzja tiegħu lill-Pulizija u/jew lill-Awtorità fi żmien jumejn meta ġie hekk mitlub. L-Artikolu 77 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 (Regolamenti Dwar Liċenzi Għas-Sewqan Ta' Vetturi Bil-Mutur) jaqra kif ġej:

   *'77. Kull persuna liċenzjata skond dawn ir-regolamenti għandha ġġorr magħha l-liċenzja meta tkun qed taġixxi fil-kariga li għaliha tkun liċenzjata u għandha tipproduċi l-istess lill-pulizija u, jew, lill-Awtorità meta mitluba jew f 'xi post maħtur fi żmien jumejn mid-data ta' dik it-talba.'*

10. Sabiex jissussisti dan ir-reat jeħtieġ illi:
    1. Il-persuna ma' tkunx qed iġġorr il-liċenzja tas-sewqan fuqha U

2. Il-Pulizija u/jew l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tagħmel talba lil dik il-persuna sabiex tippreżenta l-liċenzja f'post ikkomunikat lil dik il-persuna U
3. Dik il-persuna tonqos milli tagħmel dan fi żmien jumejn minn dik it-talba

11. Mill-provi inkluż mill-istqarrija jirriżulta illi l-imputat ma' kienx qed iġorr il-liċenzja tas-sewqan fuqu. Fl-affidavit tiegħu ix-xhud PS 609 James Magro qal fuq dan il-punt illi: *"Gilbert kellu jipproduċi liċenzja tas-sewqan valida fejn naaas li jipproduċi dan l-Għassa ta' Birkirkara".* Dan mhuwiex biżżejjed biex jipprova illi l-Pulizija għamlet talba formali lill-imputat sabiex jippreżentalha l-liċenzja tiegħu ġewwa l-Għassa tal-Pulizija u dan naqas milli jagħmel hekk wara li għaddew jumejn. Mix-xhieda ma' jirriżultax dan it-trapass ta' żmien meħtieġ skond il-liġi u lanqas ma' jirriżulta b'mod ċar illi saret talba lill-imputat sabiex jipproduċi l-liċenzja. Għalhekk il-Qorti ma' tistax issib ħtija fuq din l-imputazzjoni.

**Deċiżjoni**

12. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu peress li ma' jirriżultawx.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur